MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 793/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
vs

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OMISSIS** ta' ghoxrin sena, **OMISSIS** ta' tmintax il-sena, u **OMISSIS** ta' dsatax il-sena, gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli nhar l-Hadd, sbatax t'Awwissu 2008, ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija f'Tal Hawli, limiti tal-Birgu, **OMISSIS wahdu** ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta u cioe **OMISSIS** t'erbatax il-sena;

2. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi offenda l-pudur w il-morali b'ghemil li ser fil-pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku;

3. Talli **OMISSIS wahdu** fl-istess zminijiet u cirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta u cioe **OMISSIS** t'erbatax il-sena;

4. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, offenda l-pudur w il-morali b'ghemil li ser fil-pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku;

5. Talli **OMISSIS wahdu** fl-istess zminijiet u cirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta u cioe **OMISSIS** t'erbatax il-sena;

6. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, offenda l-pudur w il-morali b'ghemil li ser fil-pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija minorenni u l-familji taghhom u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk l-kawteli li jidhrilha xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid ta' kull imputat immarkati bhala Dok. CSH, CSH 1 u CSH 2, l-fedina penali ta' kull imputat immarkati bhala Dok. CSH 3, CSH 4 u CSH 5, kif wkoll tlett estratti mill-att tat-twelid tal-minuri f'dan il-kaz immarkati bhala Dok. CSH 6, CSH 7 u CSH 8.

Semghet l-ammissjoni tat-tlett imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, s-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi

legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti, dakinhar tas-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2008, innominat lil **Trevor Calafato** sabiex ihejji pre *sentencing inquiry report* fil-konfront tal-imputati u dan sabiex jghin lil Qorti dwar x'piena ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Illi permezz ta' nota ppresentata mill-Probation Officer Trevor Calafato fir-Registru t'a din il-Qorti nhar t-tnejn ta' Settembru 2008, l-istess talab li jigi sostitwit stante kunflitt t'interess peress li l-imputati joqghodu fl-istess local tieghu w ghalhekk il-Qorti laqghet t-talba tieghu w issostitwitu bil-Probation Officer John Testa bl-istess fakultajiet.

Illi nhar il-hmistax t'Ottubru 2008, deher l-Probation Officer John Testa li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu fil-konfront tal-imputati b'dan li r-relazzjoni tal-imputat **OMISSIS** giet immarkata bhala Dok. JT 1, dik ta' l-imputat **OMISSIS** bhala Dok. JT 2 u dik tal-imputat **OMISSIS** bhala Dok. JT 3.

**Minn ezami tar-relazzjoni** Dok. JT 1 u cioe dik fil-konfront **tal-imputat OMISSIS** jirrizulta li dan jghix flimkien mal-genituri tieghu u ħutu f'Bormla u huwa mizmum tajjeb. Illi l-imputat ihares lejn t-trobbija tieghu bhala wahda tajba fejn qatt ma kellu problemi mal-familja tieghu. Gie stabbilit li l-imputat ihobb jghaddi hafna mill-hin liberu tieghu, wahdu u ma tantx ifittex l-kumpanija ta' sħabu u gie deskritt bhala persuna kwieta. Minn stharrig kemm mal-Caritas kif wkoll mas-Seqda, rrizulta li qatt m'ghamel kuntatt maghha dwar xi problemi u li qatt m'abbuza minn xi sustanzi lleciti. Gie stabbilit wkoll li fil-present jinsab disokkupat u fil-passat hadem f'perjodi qosra bhala *labourer* u *stagehand*. Il-Probation Officer

John Testa rrakkomanda lil Qorti li, stante l-fedina penali netta tal-imputat fil-fehma tieghu, sentenza sospiza b'supervizzjoni tkun il-piena idoneja ghal imputat **OMISSIS**.

**Minn ezami tar-relazzjoni** Dok. JT 2 fil-konfront **tal-imputat OMISSIS** jirrizulta li dan jghix flimkien mal-genituri tieghu u ħutu f'Bormla u huwa mizmum tajjeb. Illi l-imputat ihares lejn t-trobbija tieghu bhala wahda tajba fejn qatt ma kellu problemi mal-familja tieghu. Gie stabbilit li l-imputat huwa persuna ntroverta u ma tantx ifittex l-kumpanija ta' sħabu. Minn stharrig kemm mal-Caritas kif wkoll mas-Seqda, rrizulta li qatt m'ghamel kuntatt maghha dwar xi problemi u li qatt m'abbuza minn xi sustanzi lleciti. Gie stabbilit wkoll li fil-passat hadem f'perjodi qosra bhala *labourer* u *plasterer*. Il-Probation Officer John Testa rrakkomanda lil Qorti li, stante l-fedina penali netta tal-imputat, fil-fehma tieghu, sentenza sospiza b'supervizzjoni tkun il-piena idoneja ghal imputat **OMISSIS**.

**Minn ezami tar-relazzjoni** Dok. JT 3 fil-konfront **tal-imputat OMISSIS** jirrizulta li dan jghix flimkien mal-genituri tieghu u ħuħ f'Bormla u minn zjarat fir-residenza fejn jghix, jidher car li l-post huwa fi stat t'abbandun. Illi l-imputat iddeskriva t-trobbija tieghu bhal wahda normali fejn sostna li qatt ma kellu problemi mal-familja tieghu. Gie stabbilit li l-imputat huwa bniedem socjevoli u li ihobb jghaddi hafna mill-hin liberu tieghu ma sħabu. Ommu, **OMISSIS** sostniet li binha **OMISSIS** qatt ma kien ta' natura problematika u qatt ma kien interessat fl-aspett akkademiku tant li huwa ma jafx jikteb u jaqra u li hi tinsab sodisfatt bl-andament presenti ta' binha minhabba li qed jiffoka fuq l-aspett ta' xoghol. Minn stharrig kemm mal-Caritas kif wkoll mas-Seqda, rrizulta li qatt m'ghamel kuntatt maghha dwar xi problemi u li qatt m'abbuza minn xi sustanzi lleciti. Gie stabbilit wkoll li fil-present jinsab qed jahdem bhala *labourer* ma **OMISSIS** Limited. Il-Probation Officer John Testa rrakkomanda lil Qorti li, stante l-fedina penali netta tal-imputat, fil-fehma tieghu, il-piena idoneja ghal dan l-imputat hija li jinghata ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputati minn fejn jirrizulta li ma hemm registrat fuqha ebda reat jew kontravenzjoni w ghalhekk ghandha tqishom bhala *first time offenders*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 204C, 209 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputati OMISSIS hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess.**

**Dwar il-piena:**

**Il-Qorti, wara li tiddikjara li qed issib lil l-imputati OMISSIS hatja tiddeciedi li tikkundannhom ghal sena (1) prigunerija sospiza ghal erbgha (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li t-tlett imputati jitpoggew taht ordni ta’ supervizzjoni ghall-perjodu massimu permess mill-ligi t’erbgha [4] snin mill lum.**

**Il-Qorti tordna li tul dan il-perjodu t’erbgha (4) snin, it-tlett imputati ghandhom josservaw rigorozament is-segwenti kundizzjonijiet, u cioe:**

**1. li l-imputati kollha matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igibu ruhhom**

**tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Ufficcjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficcjal ta' Supervizzjoni jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. li l-imputati kollha jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment, jekk l-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni jkun irid hekk, jircievu zjarat tieghu fid-dar taghhom;**

**3. li l-imputati minnufih jgharrfu lil Ufficcjal ta' Supervizzjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghhom;**

**4. li l-imputati kollha jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati.**

**Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu t'erbgha [4] snin.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Oltre dan, tordna li ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tinhareg ordni ta' protezzjoni fuq il-minuri OMISSIS, u b'hekk l-imputati ghandhom tul dan il-perjodu ta' erbgha (4) snin mill-lum:**

**a. Ikunu projbiti milli javvicinaw lil minuri OMISSIS, jew b'xi mod isegwu l-movimenti taghhom;**

**b. Huma projbiti wkoll li ma jikkomunikawx, ma jimmolestawx u ma jkellmux, la direttament u lanqas indirettement, lil imsemmija**

**minuri tul l-perjodu operattiv ta’ din s-sentenza u cioe ghal erbgha (4) snin mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghhom u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu t’erbgha [4] snin mill-lum u l-istess imputati ddikjaraw li fehmu dan ben tajjeb.**

**Tordna finalment divjett ta’ isem u konnotati kollha kemm tal-imputati kif wkoll tal-minuri f’dan l-kaz, fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------